MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

22 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Vici Sindku
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
JOHN DEBONO – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri John Debono li bgħat korrispondenza sabiex jiġi skużat u Connie Scerri li sal-bidu tal-laqgħa kienet għadha ma waslitx. Il-laqgħa bdiet fil-ħin minħabba li kien hemm quorum.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

52.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Debono. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li saret korrezzjoni fuq paragrafu 51.4.4 fejn inkitbet il-kelma Għarix flok Imdina.
5.35pm Is-Sinjura Scerri daħlet f'dan il-mument.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

52.3.1 Punt ta' kjarezza li xtaq jagħmel. Qal li kien hemm xi okkażjonijiet fejn kien mistieden personali għalihom u li hu ħass u kien qabad sistema li jagħti rigal żgħir t'apprezzament lil kull Soċjeta' bħal fil-każ taċ-ċelebrazzjoni tal-pussess mill-Kappillan il-ġdid Fr. Joe Grech. F'dan il-każ partikulari hu xtara u ħadem inkwatru bi xbieha ta' Santa Marija kollox a spejjeż tiegħu personali. Hu kompla billi qal li wara din l-inizjattiva min-naħa tiegħu sar xi tpaċpiċ fil-vojt minn xi membru appuntu fuq din l-għotja u li hu għamel dan minn wara dahar il-Kunsill. Irribatta li hu m'għamel XEJN minn wara dahar il-Kunsill u li strettament ma kellux obbligu jinforma lil ħadd u lanqas jagħti spjega, la din kienet xi ħaġa personali tiegħu.

52.3.2 Ringrazzjament lil kull membru tal-Kunsill. Qal li setgħu qablu u setgħu le imma li ħadmu kollha flimkien f'armonija għall-ġid komuni. Is-Sur Marco Spiteri qal li qatt ma spiċċaw jiġġieldu bejniethom jew fuq politika għax dejjem ħadmu għal-lokal.
Is-Sur Alfred Zammit talab li jingħata ċertifikat taż-żmien li serva tul din il-leġislaturi. Is-Sur Cordina qal li dan jista' jsir u m'għandix tkun problema.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

52.4.1 Is-Sur Ralph Cassar:

- E-mail mingħand resident fi Triq Victor Vassallo rigward applikazzjoni li l-Kunsill kellu sabiex jittieħdu miżuri fuq veloċita' eċċessiva fit-triq. Is-Sur Cassar qal li ma jifhimx, kif qal tajjeb ir-resident, li trid terga' tintbagħat applikazzjoni mill-ġdid għax sempliċement l-Uffiċċjal m'għadux jaħdem magħhom. Għaldaqstant se terga' tinbagħat talba mill-ġdid għall-suġġerimenti li jistgħu isiru fuq din it-triq.
- Propona li għall-ħames snin li ġejjin il-Kunsill ikompli:
    - bil-proġett taċ-Ċentru Kulturali u jipprepara biex joħroġ it-tender għat-tieni fażi,
    - Jaħdem fuq l-Uffiċċini l-ġodda
    - Jinsisti fuq it-toroq u jagħmel mezz li jitlob lil Gvern Ċentrali biex meta jsiru t-

toroq isiru l-bankini wkoll.

- Saqsa fuq il-korsijiet tat-TCTC u jekk hux ha jkun hemm persuni minn lokalitajiet oħra biex fil-każ tinqasam il-miżata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġieli kien hemm wieħed jew tnejn imma fil-każ tiċċekkja.

## 52.5 Rapporti

52.5.1 Ġie ppreżentat ir-Rapport tal-Kwart tas-Sena Nru. 1, 2019. Ingħatat spjega fuq l-infieq u ġie mgħoddi għall-approvazzjoni. Ħadd ma kellu oġġezzjoni u għaldaqstant ġie approvat.

## 52.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

52.6.1 Is-Sur Cordina qal li kellu talba t'għajnuna bħalma sar fi snin preċedenti sabiex b'kollaborazzjoni mal-Lifecycle issir iktar *exposure on social media* tax-xogħol tal-Kunsill u anka attivitajiet li jkunu se jsiru. Ikun hemm ukoll link bejn il-website tagħhom u *posts* tal-Kunsill skont jekk dan ikunx meħtieġ.

52.6.2 *Disposals* tal-Assi: Shredder KLA00399, Fax KLA00584 u Computer Tower KLA00270. Dawn id-*disposals* ġew aċċettati.

52.6.3 Rigward id-Data Protection Officer baqgħet ma ttieħditx deċiżjoni u għandu jiġi ċċekkjat mar-Reġjun tistax tinħareg xi ħaġa komuni għall-Kunsilli f'dak ir-Reġjun.

5.59pm Is-Sinjura Scerri ħalliet il-kamra.

F'dan ir-rigward is-Sur Cordina qal li din l-attitudni li niġu 20 minuta laqgħa u nitilqu l-barra hija inaċċettabbli.

52.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda fejn fost l-oħrajn kien hemm żieda fl-onorarja kien hemm ukoll li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv irid ikun persuna li taħdem fil-Kunsill u li l-iskala tiegħu tkun ħdax jew iktar. Peress li s-Sinjura Yanica Sammut tissodisfa dawn il-kriterji is-Segretarju proponiet li d-Deputat tkun hi. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

## 52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

52.7.1 Approvata.

## 52.8 Mozzjonijiet; u

52.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 52.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

52.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Ġunju 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Ġunju 2019.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv